IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.3.2022
COM(2022) 100 final

2022/0070 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi r-regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità fl-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni")[1] jipprevedi li, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fih, il-Partijiet jistgħu jadottaw ċerti miżuri unilaterali.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat Euratom, jistgħu jiġu adottati miżuri unilaterali mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Komunità") fil-każijiet u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 718 u 719 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, mingħajr ma jkun hemm għalfejn li jkun hemm rikors l-ewwel għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim. Il-miżuri unilaterali inkwistjoni jikkonċernaw is-sospensjoni parzjali jew totali tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi tal-Unjoni kif ukoll it-terminazzjoni parzjali jew totali tagħha.

Fid-deċiżjoni tiegħu dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kunsill ta s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri msemmija hawn fuq fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea[2], f'isem l-Unjoni u *"sakemm jiġi adottat att leġiżlattiv speċifiku li jirregola l-adozzjoni tal-miżuri"* skont dan il-Ftehim.

Il-Kummissjoni u l-Kunsill qablu wkoll dwar dikjarazzjoni konġunta, maħruġa fiż-żmien tal-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li tipprevedi li, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tagħha skont it-Trattati, il-Kummissjoni "se timmira li tipproponi l-att leġiżlattiv speċifiku msemmi hawn fuq sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2022"[3].

Din il-proposta leġiżlattiva tissodisfa dan l-impenn politiku fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat Euratom, jiġifieri l-assoċazzjoni tar-Renju Unit mal-programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom u mal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni rregolata mill-Ħames Parti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-

---

1 Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Ftehim konkluż, rigward kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat tal-Euratom, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (Euratom) 2020/2255 tad-29 ta' Diċembru 2020 dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-Kooperazzjoni dwar l-Użi Sikuri u Paċifiċi tal-Enerġija Nukleari u dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 445, 31.12.2020, p. 2). Il-Ftehim kien japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata, ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2,

3 Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, paragrafu 3.

Kooperazzjoni (Parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, ġestjoni finanzjarja tajba u dispożizzjonijiet finanzjarji). Ir-Regolament propost jiżgura li l-Komunità tista' taġixxi fil-ħin u b'mod effettiv biex tipproteġi l-interessi tagħha fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Ir-Regolament propost jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri msemmija hawn fuq, kif ukoll biex tissospendihom u tħassarhom kif xieraq, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ma hemm l-ebda preċedent ta' xi dispożizzjonijiet ta' politika li jirregolaw l-irtirar u s-sħubija tal-Komunità ma' Stat Membru preċedenti.

Ir-Regolament propost huwa *lex specialis* fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi Komunitarja sal-punt li dawn id-dispożizzjonijiet jirregolaw l-istess suġġett.

Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-Kooperazzjoni dwar l-Użu Sikur u Paċifiku tal-Enerġija Nukleari ġie konkluż fl-istess ħin tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni[4].

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Proposta leġiżlattiva separata tirregola fost l-oħrajn l-adozzjoni ta' miżuri unilaterali u ta' infurzar fil-qasam tal-programmi ta' riċerka u żvilupp tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażijiet ġuridiċi huma dawk fit-Trattat Euratom li jirregolaw l-oqsma li fihom jista' jkollhom jiġu adottati miżuri unilaterali, jiġifieri l-Artikoli 7, 47 u 48, flimkien mal-Artikolu 106a li jiddikjara l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea applikabbli għat-Trattat Euratom.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

mhux applikabbli

- **Proporzjonalità**

Safejn id-drittijiet tal-Komunità li għandhom jiġu eżerċitati huma stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-miżuri proposti ma jeċċedux dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat eżerċizzju rapidu u effettiv ta' dawk id-drittijiet. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet li japplikaw skont il-Ftehim għall-adozzjoni ta' miżuri unilaterali jiżguraw li dawn il-miżuri jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fih.

- **Għażla tal-istrument**

Il-forma ta' regolament taqbel l-aħjar mal-għan segwit, jiġifieri li jiġu stabbiliti prinċipji ġenerali u kundizzjonijiet uniformi għall-eżerċizzju tad-drittijiet disponibbli għall-Komunità fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

[4] Ftehim konkluż skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (Euratom) 2020/2255.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post* / il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-inizjattiva hija ta' natura proċedurali u istituzzjonali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma saret ebda valutazzjoni tal-impatt għar-raġunijiet li ġejjin:

1. Ma hemm l-ebda għażla ta' politika disponibbli għall-Kummissjoni għaliex: (a) il-proposta prevista torganizza kif il-miżuri diġà miftiehma fi ftehim internazzjonali jittieħdu fil-Komunità mingħajr marġni ta' varjazzjoni, u (b) il-Kummissjoni impenjat ruħha quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill li tippreżenta proposta għal dan l-att leġiżlattiv sa data partikolari.
2. Ma huwa mistenni l-ebda impatt direttament identifikabbli minħabba n-natura proċedurali tal-att.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżuri adottati skont ir-Regolament propost ikunu azzjoni legali mill-Komunità skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Dan għaliex din l-azzjoni tittieħed f'konformità mar-rekwiżiti li l-azzjoni tittieħed abbażi ta' bażi ġuridika xierqa, mill-awtoritajiet kompetenti, biex jintlaħaq objettiv leġittimu, jiġifieri dak li jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-Unjoni skont il-Ftehimiet imsemmija hawn fuq, u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

mhux applikabbli

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Stħarriġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament propost huwa previst fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Dan il-perjodu huwa konformi mar-rieżami konġunt taż-żewġ Partijiet għat-TCA kif previst fl-Artikolu 776 tat-TCA.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistabbilixxi s-suġġett tar-Regolament propost, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri biex jiġi żgurat eżerċizzju effettiv u f'waqtu tad-drittijiet tal-Komunità fl-infurzar u l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

Dawn id-drittijiet jistgħu jiġu eżerċitati permezz tal-miżuri unilaterali kif imfassra fit-tieni paragrafu ta' dak l-Artikolu, f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 2 u l-proċedura tal-kumitat stabbilità fl-Artikolu 3.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 5 jipprevedi rieżami ta' dan ir-Regolament mill-Kummissjoni fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu, sabiex jiġi żgurat li jibqa' adattat għall-iskop tiegħu.

2022/0070 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi r-regoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità fl-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikoli 7, 47 u 48 flimkien mal-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku,

(1) Fid-29 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Komunità"), il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[5] (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni applika b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jkopri kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Komunità, jiġifieri l-assoċjazzjoni mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom u mal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni rregolata mill-Ħames Parti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (Parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, ġestjoni finanzjarja tajba u dispożizzjonijiet finanzjarji).

(2) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li l-Partijiet jistgħu jadottaw miżuri unilaterali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sospensjoni ta' ċerti obbligi skont il-Ftehim, fil-każijiet speċifiċi u soġġett għall-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fih. Fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat Euratom, jistgħu jiġu adottati miżuri unilaterali mill-Komunità fil-każijiet u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 718 u 719 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Il-miżuri unilaterali inkwistjoni jikkonċernaw is-sospensjoni parzjali jew totali tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi tal-Unjoni kif ukoll it-terminazzjoni parzjali jew totali tagħha.

(3) Jekk tinqala' l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi tagħha fl-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Komunità għandha tkun f'pożizzjoni li tagħmel użu xieraq mill-istrumenti disponibbli għaliha malajr u b'mod proporzjonat, effettiv u flessibbli, filwaqt li tinvolvi bis-sħiħ lill-Istati Membri. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri li jirregolaw l-adozzjoni ta' miżuri unilaterali fl-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

[5] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

(4) Jenħtieġ li l-miżuri unilaterali jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tagħhom, b'kont meħud tal-ħsara attwali jew potenzjali għall-interessi Komunitarji li jirriżultaw mill-każ. Jenħtieġ li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 718 u 719 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(5) Ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu *lex specialis* fir-rigward ta' kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja li tirregola l-istess suġġett.

(6) Sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament jibqa' adatt għall-iskop tiegħu, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq, fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu, rieżami tal-ambitu u l-implimentazzjoni tiegħu u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

(7) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju rapidu, effettiv u flessibbli tad-drittijiet korrispondenti tal-Komunità skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri unilaterali u biex tagħti effett lil dawk il-miżuri kif meħtieġ fl-ordni legali intern tal-Komunità. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jestendu wkoll għall-modifika, is-sospensjoni jew it-tħassir tal-miżuri adottati. Jenħtieġ li dawn ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. Minħabba li l-miżuri previsti jinvolvu l-adozzjoni ta' atti ta' ambitu ġenerali, jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni ta' dawk il-miżuri. Jenġtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih fejn, f'każijiet debitament ġustifikati, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jirrikjedu dan għall-protezzjoni xierqa tal-interessi tal-Komunità.

(8) Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat fuq bażi volontarja u ta opinjoni[7],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Suġġett u ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri biex jiżgura eżerċizzju effettiv u tempestiv tad-drittijiet tal-Komunità fl-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni").

2. Dan ir-Regolament japplika għall-miżuri li ġejjin adottati mill-Komunità abbażi tal-Artikoli 718 u 719 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni:

(a) is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll I tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, fir-rigward ta' programm jew attivitajiet Komunitarji, jew b'mod eċċezzjonali partijiet minnhom;

(b) it-terminazzjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll I tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, fir-rigward ta' programm jew attivitajiet Komunitarji, jew b'mod eċċezzjonali partijiet minnhom.

---

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[7] […]

Artikolu 2
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità

1. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja adottata skont l-Artikoli 7, 47 u 48 tat-Trattat Euratom, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, u li tagħti effett lil dawk il-miżuri, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda jew tħassar il-miżuri msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

3. Meta jkun hemm tħassib partikolari ta' Stat Membru wieħed jew aktar fir-rigward ta' bidla sinifikanti fil-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 718(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, dak jew dawk l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tissospendi l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programm jew programmi Komunitarji kkonċernati f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Jekk il-Kummissjoni ma tweġibx b'mod pożittiv għal tali talba, din għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien opportun bir-raġunijiet tagħha.

4. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 3(2).

5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 3(3).

Artikolu 3
Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tar-Renju Unit. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 4
Rieżami

Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President